MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 229/2006/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Michael Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Marzu, 2006, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tnejn u sittin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm562.97), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21220996 u 21374201 skond kif jirrizzulta mid-dokumenti annessi mal-avviz u markati Dok.A, B, C u D.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-30 ta' Mejju, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tnejn u sittin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm562.97) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-14 t'April, 2006, u bl-ispejjez kontra l-konvenut."

L-ilment principali tal-konvenut fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu kollu kemm hu kontenut fil-kontenzjoni illi d-decizjoni, issa appellata, ittiehdet bi ksur lampanti tad-dritt "*audi alteram partem*". Huwa jsejjes dan fuq il-konsiderazzjoni illi skond il-verbal tat-22 ta' Mejju 2006 il-kawza kienet giet differita ghall-provi ghat-30 ta' Gunju, 2006, u mhux ghat-30 ta' Mejju, 2006, data din li fih issoktat l-kawza u gew ipprezentati l-kapitoli mill-kontraparti;

Da parti taghha s-socjeta` attrici tiggustifika d-decizjoni attakkata mill-appellanti billi ssostni illi ghalkemm hu minnu dak li jinghad fil-verbal precitat, effettivament, u fil-fatt, il-kawza kienet imhollija ghat-30 ta' Mejju 2006 tant li r-rapprezentant legali tieghu deher f' din is-seduta;

Jibda biex jigi l-ewwelnett osservat illi ma jista' jkun hemm ebda kwestjoni li, skond l-Artikolu 201 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jekk il-konvenut jew l-Avukat tieghu jew il-Prokuratur Legali tieghu jonqos li

jidher, il-kawza tista' tigi deciza skond il-ligi fuq l-attijiet li jkun hemm ghad li huwa ma jkunx deher;

Ipprecizat dan, bit-tieni osservazzjoni jrid jinghad illi l-fattispeci tal-kaz prezenti jinsab fil-fatt ikkontestat illi l-kawza ma kellhiex tinstema' fit-30 ta' Mejju 2006 meta bil-verbal precedenti tat-22 ta' Mejju 2006 din kienet specifikament differita ghat-30 ta' Gunju 2006;

Fermi dawn l-osservazzjonijiet, il-konvenut jillanja illi n-nuqqas tal-presenza tieghu fl-udjenza tat-30 ta' Mejju 2006 kien dovut ghall-verbal tat-Tribunal u dan arrekalu pregudizzju in kwantu gie michud minn smiegh xieraq bi ksur tal-principju "*audi alteram partem*". Huwa ghalhekk li issa qed jistieden lil din il-Qorti thassar is-sentenza moghtija minhabba dan id-difett u nuqqas procedurali fit-trattazzjoni tal-kawza quddiem it-Tribunal;

Hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-aggravju, kif impustat, huwa wiehed ghal kollox fondat. Ghal kaz jghoddu dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Ibda biex, bi twegiba ghas-sottomissjoni tas-socjeta` attrici, huwa assolutament kontro indikat li din il-Qorti tahseb li verbal tat-22 ta' Mejju 2006 kien zball jew malintiz ghaliex fil-fatt it-Tribunal ried ihalli l-kawza ghat-30 ta' Mejju 2006 invece tad-data l-ohra registrata fih. Difatti ma jirrizulta minn ebda verbal sussegwenti illi jqieghed dak il-verbal tat-22 ta' Mejju 2006 in dubbju;

(2) Hu ben pacifiku illi l-principju tal-kontradittorju hu inderogabbli in kwantu jattjeni ruhu ghall-ordni pubbliku. Vjolazzjoni tieghu, allura, meta pprovata mill-atti, kif inhu hawnhekk il-kaz, iggib privazzjoni ingusta lil parti meta tali ma tkunx ghal xi htija addebitabbli lilha. Ara **Kollez. Vol. XXXIX P I p 396**;

(3) Minn dan isegwi illi l-istess vjolazzjoni ta' dan il-precett jaghti lok ghan-nullita` tal-procediment u konsegwentement tas-sentenza;

(4) Irid jinghad ukoll illi din mhix kwestjoni ta' semplici "forma" f' liema kaz il-Qorti ma kienetx tannulla s-sentenza hlief jekk ikun jidhrilha li, fis-sustanza, ma kienetx gusta. Si tratta invece ta' kaz fejn is-sentenza f' dawk ic-cirkustanzi ma messiex u ma setghetx legalment tinghata meta nghatat. Ara f' dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet "**Angelo Mangion -vs- Agostino Mangion**", Appell, 16 ta' Dicembru 1967. Hu, del resto, espressament provvdut bl-Artikolu 790 tal-Kapitolu 12 illi d-diskrezzjoni akkordata lill-Qorti b' dan il-provvediment tigi nieqsa fil-kaz ta' "kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smiegh xieraq";

Raggunta din il-konkluzjoni hu l-kaz li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata. Ghalkemm hu minnu li l-Att V ta' l-1995 jipprovdi li f' kaz bhal dan il-Qorti ta' revizjoni ghandha hi stess titratta u tiddeciedi l-kawza, b' danakollu thoss li jkun aktar ekwu u opportun li l-atti jigu rimandati lura lit-Tribunal ghat-trattazzjoni u definizzjoni tal-vertenza wara li l-konvenut, kif jinsab mahsub fil-verbal tat-22 ta' Mejju 2006, jintavola l-eccezzjonijiet tieghu. Raguni ohra hi dik li l-partijiet ma jitilfux il-beneficcju tad-*doppio esame*.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u thassar u tannulla s-sentenza appellata. Tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ghall-konsiderazzjoni tieghu tat-talba u ta' kull eccezzjoni ghaliha. L-ispejjez taz-zewg istanzi inkorsi jitbatew ugwalment mill-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------